NUMRU SPEĊJALI

# L-IMSIDA

Vol. II Nru. 2 JANNAR - FRAR, 1966

***EDITORJAL***

# IL-MILIED IT-TAJJEB

**DIN il-kelma bħalissa tinsab issaltan fuq xofftejn kulħadd u hija kelma li toħroġ naturali mill-qalb ta' kull bniedem f'dawn iż-żmenijiet, tkun xi tkun il-pożizzjoni u jkunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi li fihom ikun jinstab. Huma awguri sinċieri u mhux biss "kelma ta' l-okkażjoni", bħal ma jkunu fil-fatt ħafna awgurji f'okkażjonijiet oħra tal-ħajja. Hu awgurju li jirrifletti l-moħħ u l-qalb ta' l-individwu li, f'dawn iż-żmenijiet, ikunu mfawra sax-xfar bil-ferħ u l-entużjasmu.**



U hawn huwa ta' min jistaqsi: għaliex dan il-ferħ kollu? Ferħ li mhux riservat għal razza jew nazzjon wieħed, imma ferħ li jħaddan il-bnedmin kollha tad-dinja, indipendentement minn kulur jew fidi, razza jew nisel, poplu kbir jew poplu żgħir. Il-ferħ tal-poplu Kristjan wieħed jista' jfissru malajr għax il-Milied huwa t-tifkira tat-twelid tas-Salvatur tiegħu, bniedem Alla li fih il-Kattoliku kollox jemmen, kollox jittama.

L-istess wieħed malajr jifhem il-ferħ ta' popli li xi darba kellhom din iċ-ċiviltà Kristjana, avolja llum forsi tilfuha għal kollox: imma almenu xi darba kienu daquha u għalhekk xi ħaġa, żgħira kemm hi żgħira, dejjem tibqa' tintiret u tinħass.

Imma lanqas hawn ma tieqaf il-firxa ta' din il-paċi tal-Milied. Anki bnedmin oħrajn, li qatt ma daqu u qatt ma kellhom ix-xorti jgawdu din iċ-ċiviltà nisranija, huma wkoll għandhom sehem minn dan il-ferħ. U r-raġuni hija waħda: Kristu l-Messija ġie għal kulħadd, għal kull bniedem, u għalhekk jeħtieġ li kull individwu jgawdi l-wasla tiegħu anki jekk s'issa għadu ma jafx bih, anki jekk għad ma kellux ix-xorti li jirċievi l-aħbar it-tajba. Forsi ma jkunx jaf jispjegah dak li jħoss ġo fih, imma jista' jgħid li jħoss il-paċi speċjali, il-paċi mhix tas-soltu, il-paċi tal-Milied!

U jekk kulħadd jifraħ fil-Milied, x'għandna ngħidu aħna l-Kattoliċi Maltin, aħna li l-Kristjaneżimu huwa parti minn demmna, huwa parti minn ħajjitna stess? Aħna nifirħu b'xulxin, veru, imma hemm bżonn li l-Milied fina jħalli frott aktar reali u frott li kultant tista' tmissu b'idejk. Hekk ngħidu aħna, il-Milied huwa l-mument biex xi wħud li huma miġġielda bejniethom, jerġgħu jsiru ħbieb, biex xi familji li huma miksurin bejniethom jirranġaw qisu qatt ma kien xejn, biex forsi anki xi qraba li l-għira jew il-gideb irnexxilhom inisslu bejniethom xi differenzi, forsi anki kbar, jerġgħu għal ħdan xulxin, imnebbħin mill-kant ta' l-anġli u mill-kewkba tal-Milied, jagħtu lil xulxin il-bewsa tal-paċi, paċi vera u fuq kollox paċi dejjiema bejniethom.

Hekk il-Milied ta' din is-sena ma jkunx ġie u mar u ħalla kollox kif kien qisu qatt ma ġara xejn. Imma jkun Milied li ferraħna u fawwrilna qalbna bis-sliem, sliem li jiddi iva fil-Milied imma li ma jmutx miegħu, anzi jibqa' jsaltan f'qalbna u madwarna ma' tulek ja sena. B'hekk is-sena l-ġdida għalina tkun sena isbaħ, sena ferm aktar hienja, sena b'ferm aktar ġid, u dan kollu għaliex tkun sena dominata kollha kemm hi, mill-bidu sat-tmiem, mill-Kewkba tal-Milied. Dan huwa l-awgurju li aħna nwasslu lill-qarrejja kollha.

# DJARJU PARROKKJALI

## IMGHODDI

### OTTUBRU - NOVEMBRU

1 ta' Ottubru: Fil-Parroċċa, fis-Santwarju ta' Loreto u f'ta' Fatima beda r-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat.

3 ta' Ottubru: Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali filgħaxija kien hemm il-Vespri, purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna li fiha ħadu sehem numru kbir ta' nies.

4 ta' Ottubru: 22 anniversarju minn meta sar l-ewwel meeting ġewwa l-Imsida mill-G.W.U. meta dina twaqqfet. Dan il-jum baqa' jissejjaħ Jum l-Imsida.

10 ta' Ottubru: Fl-Iskola Primarja tal-Gvern sar ir-raba' Song Contest organizzat miż-Ż.H.N. Paul Stone u Edward Darmanin kienu r-Rebbieħa.

13 ta' Ottubru: Il-pellegrinaġġ li kellu jsir aux Flambeaux għas-Santwarju ta' Fatima ġie mħassar minħabba l-maltemp.

19 ta' Ottubru: L-Imsida għat-tieni darba timtela bl-ilma tax-xita qawwija li għamlet matul dawn il-ġranet.

24 ta' Ottubru: Ġurnata Missjunarja. Fil-Knisa Parrokkjail saret siegħa adorazzjoni għall-missjoni. Fuq iz-zuntier sar is-soltu għarix li ġibed l-ammirazzjoni ta' ħafna. Il-ġabra għall-Missjoni din is-sena laħqet is-somma ta' £245. 9s. 10d.

30 ta' Ottubru: L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Josef Slipyj qaddes quddiesa letta bir-Rit Orjentali fil-Kappella ta' l-Isptar San Luqa.

30 ta' Ottubru: Il-poplu Misidjan mitlub jagħti merħba lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Josef Frings fi triqtu lejn il-Kolleġġjata tar-Rabat.

Filgħaxija l-għaqdiet tal-Parroċċa ħadu sehem fil-korteo ta' Kristu Re.

Hareġ is-seba' numru tal-gazzetta *L-Imsida.*

1 ta' Novembru:Pellegrinaġġ għaċ-ċimiterju organizzat mit-Terz'Ordni Franġiskan.

2 ta' Novembru: Jum l-Erwieħ kollha. Filgħaxija saret Quddiesa Solenni De Requie għal ruħ il-qassisin mejtin tal-Parroċċa.

3 ta' Novembru: Fil-Parroċċa saret Quddiesa Solenni De Requie għal ruħ il-Misidjani mejtin. Filgħaxija l-Isqof Kongoliż l-Eċċ. Tiegħu. Mons. Nzundu qaddes fil-Knisja Parrokkjali.

7 ta' Novembru: Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiteru mas-Sorijiet Orsolini.

9 ta' Novembru: Fl-Istitut Kattoliku, it-team ta' l-Imsida rebaħ lit-team ta' Birkirkara fil-Gara Kultura Reliġjuża.

28 ta' Novembru: Filgħodu fil-Knisja Parrokkjali sar it-tesserament taż-Ż.H.N. Xebbiet u Ġuvintur. Filgħaxija saret il-Gara Katekistika organizzata mill-Azzjoni Kattolika tax-Xebbiet. Il-Prinċipessa għas-sena 1965-66 hija Miss Rita Dimech.

## ĠEJJIENI

### DIĊEMBRU - JANNAR - FRAR

26 ta' Diċembru: Ħarġa Speċjali tal-gazzetta *L'Imsida.*

20 ta' Diċembru: Għeluq tal-Kompetizzjoni tal-Bambini mnedija mill-Board tal-gazzetta *L-Imsida.*

24 ta' Diċembru: Filgħaxija tal-Mużew jagħmlu s-solita purċissjoni bil-Bambin. Priedka ħdejn il-Mużew ta' Msida Sea Front mit-tfajjel Joe Camilleri.

Fil-11 ta' bil-lejl, fil-Knisja Parrokkjali, kant ta' Carols mill-Kor tal-Parroċċa, Quddiesa Kantata (Konċelebrazzjoni) u priedka mit-tfajjel Raymond Gera.

Fis-Santwarju ta' Loreto, fil-11 p.m. Velja Liturġika Pastorali, li fiha jieħu sehem il-kor tal-Mużew, Quddiesa Kantata Solenni bil-priedka mit-tfajjel Paul Stone..

Mil-lum sas-6 ta' Jannar, fis-Santwarju ta' Loreto u f'Nru. 13, Church Street, Msida, ikun hemm presepji għall-wiri.

26 ta' Diċembru: Fil-Knisja Parrokkjali, fid-9 ta' filgħodu, ser issir l-ewwel Quddiesa Solenni tar-Rev. Dun Benjamin Gafà, B.A., Lic.D., li jinsab ġewwa l-Brażil jaħdem fost in-nies ta' hemmhekk.

30 ta' Diċembru: Fil-knejjes kollha tal-parroċċa jsiru funzjonijiet ta' għeluq is-sena.

**1 ta' Jannar: Bidu tas-sena l-ġdida. Il-Board Editorjali jixtieq l-isbaħ xewqat lil kulħadd.**

4, 5, 6 ta' Jannar. Fil-Parroċċa jsiru l-Kwaranturi Solenni.

2 ta' Frar: Festa tal-Kandlora.

15 ta' Frar: Fl-Istitut Kattoliku t-team ta' l-Imsida jiltaqa' mat-team ta' Ħad-Dingli, għall-ewwel round tal-Gara Kultura Reliġjuża.

18 sa 20 ta' Frar: Jiem tal-Karnival.

21 ta' Frar: Ras ir-Randan. Sawm u Astinenza.

# STATISTIKA

### OTTUBRU - NOVEMBRU

#### TWELID

Twieldu 11-il tifel u 12-il tifla.

#### IMWIET

| | | | |
|---|---|---|---|
| Emm. Oliva (62 sena) | 1. | 10. | 65 |
| Alfred Cordina (70 sena) | 12. | 10. | 65 |
| Maria Th. Aquilina (63 sena) | 19. | 10. | 65 |
| Joseph Mifsud (siegħa) | 24. | 10. | 65 |
| Carmelo Barbara (72 sena) | 19. | 10. | 65 |
| Spiro Debono (58 sena) | 29. | 10. | 65 |
| Spiro Micallef (58 sena) | 29. | 10. | 65 |
| Joseph Calleja (75 sena) | 31. | 10. | 65 |
| Paola Cassar (59 sena) | 10. | 11. | 65 |
| Christopher Monaco (sentejn) | 28. | 11. | 65 |

#### ŻWIEĠIJIET

| | | | |
|---|---|---|---|
| Alfred Muscat - Catherine Calleja | 3. | 10. | 65 |
| Anthony Portelli - Mary Davies | 9. | 10. | 65 |
| Michael Zahra - M. Anne Xerri | 10. | 10. | 65 |
| Dominic Tabone - Rosina Agius | 16. | 10. | 65 |
| Francis Attard - M .Rosaria Aloisio | 17. | 10. | 65 |
| George Scicluna - Esther Bezzina | 24. | 10. | 65 |
| Paul Farrugia - Amelia Catania | 30. | 10. | 65 |
| John Pezzuto - Monica Galea | 20. | 11. | 65 |
| John Phillips - Maria Turner | 20. | 11. | 65 |
| Simon Fenech - M. Cozzo | 20. | 11. | 65 |


COLOR COLOR COLOR

Your prints in
*natural true life colour*

Developing and Printing
of
KODAK
COLOUR FILMS

5 DAY SERVICE 5



ARTCOLOR STUDIOS
60a, STRAIT STREET
VALLETTA

# GĦALIKOM TFAL







Bħal-lum sena, tfal, kont għidtilkom biex tagħmlu xi ħaġa. Halli nara min minnkom jiftakar x'kienet! Ara Twanny, kemm hu brikkun, sejjer ifittex malajr fil-gazzetta! Iva hawn min jiftakar — ara ħa nfakkarkom li din hija l-ħarġa speċjali tal-Milied.

Iva, sewwa, kont għidtilkom biex ilkoll nagħtu rigal lil Ġesù. Jiena naf li ħafna minnkom semgħu minni u poġġew il-proponiment tagħhom għas-sena l-ġdida fil-grotta tad-dar tagħkom. U kieku tafu, tfal, kemm il-Bambin ħa pjaċir bikom! Issa ħa naraw kemm minnkom ħarġu ta' rġiel miegħu — nistaqsikom: Int li qiegħed taqra, għadek tiftakar il-proponiment li kont għażilt u, iktar importanti, irnexxielek iżżommu matul din is-sena kollha li issa waslet biex tispiċċa?

Qed nara li hemm min qed ixengel rasu: jiġifieri f'qalbu qed għid: "Ma għamilna xejn, ħej!" U hemm oħrajn li, bid-daħka fuq fommhom, qed jieħdu pjaċir għax jaraw li rnexxielhom tassew iżommuh il-proponiment tagħhom. Lil dawn ta' l-aħħar ngħidilhom prosit, bravi tassew u nkomplu hekk. Lill-oħrajn ngħidilhom: taqtgħux qalbkom u erġgħu ippruvaw. Biss b'din id-differenza.

Dawk li żammew il-proponiment tagħhom tas-sena l-oħra, issa jistgħu jagħżlu proponiment ġdid u jżommuh għas-sena li ġejja. Dawk li ma rnexxielhomx ,jagħmlu bil-maqlub: ma jagħżlux proponiment ġdid imma jieħdu l-istess wieħed u jagħmlu ħilithom kollha biex din id-darba jżommuh. U dawn ta' l-aħħar imisshom jagħmlu mħatra magħhom infushom li din id-darba żgur ser jirnexxilhom għax jekk le, iwaħħlu lilhom infushom xi penitenza żgħira, per eżempju, li ma jieklux ħelu għal xahar! B'hekk jirbħu lilhom infushom waħedhom u mingħajr il-għajnuna ta' ħadd u b'hekk jikbru u jsiru verament irġiel.

Jekk ilkoll tagħmlu hekk, il-Bambin din is-sena jifraħ iktar mis-sena l-oħra bir-rigal tagħkom it-tfal Misidjani u jagħtikom Milied isbaħ. Imbagħad, jekk Alla jrid, sena oħra fil-Milied nerġgħu niltaqgħu u naraw kif inkunu morna u jiena żgur li dak in-nhar ilkoll insibu li nkunu morna tajjeb, anzi tajjeb ħafna.

Il-Bambin iberikkom.

DUN ĠUŻEPP.

### ĊAJT

Wieħed ġuvni ltaqa' ma' tfajla l-ewwel darba.

*Tfajla:* Int veru li bgħatt għalija biex tiżżewwiġni?

*Ġuvni:* U għandi mitt sena!

*Xebba:* Mela reġa' bdieli għax jien ma rridx xjuħ.

* * *

*Pina:* Żeż, taf li Emilja, il-mara tal-mastrudaxxa, qed tagħmel il-lipstick? Baqagħlha żmien!

*Żeża:* U żewġha taf x'qed jagħmel?

*Pina:* Le.

*Żeża:* Qiegħed jaħdimlek salib.

* * *

*Lonza:* Karmena, din min hi li għaddejja, kemm tridha?

*Karmena:* Eh, dik għandha b'hiex: żewġha professjonist. Dawk l-ismijiet li jispiċċaw bl-*ist* huma kollha rjus kbar.

*Lonza:* Mela għalhekk żewġi għandu ras daqshiex, għax jismu Patist!

L-ISTORJA TAL-LUM

## IL-MILIED IT-TAJJEB

Il-borra li kienet niżlet ftit qabel, kienet ksiet l-art, li ġiet qisha mħadda tar-rix. Għalkemm kienet il-kesħa, fit-toroq kont tilmaħ nies jiġġerrew b'wiċċ hieni u b'passi ħfief, kollha jsellmu 'l xulxin bis-sbieħ kelmiet: "Il-Milied it-tajjeb".

Imma tgħid kien "Il-Milied it-tajjeb" għal kulħadd?

Ftit 'il bogħod minn dak ir-raħal, f'nofs xagħri abjad, kien għaddej raġel, ikaxkar saqajh, b'sorra kbira wara dahru. Għalkemm kien jidher għajjien, fuq wiċċu kellu tbissima ta' hena.

"Mhux ser jirnexxili nasal fil-ħin", qal bejnu u bejn ruħu. Għad fadalli ħafna bogħod u nħossni għajjien mejjet".

Fejn kien sejjer dak ir-raġel? Kien sejjer għand missieru li kien ilu marid għal żmien twil u xtaq jarah ħafna, forsi għall-aħħar darba. Ried jasal f'jum il-Milied biex jagħtih ferħa 'l missieru xwejjaħ.

"O Ġesù Bambin agħtini l-forza biex nasal fil-ħin".

Kien għadu kif spiċċa l-kelma meta warajh sema' ħoss ta' roti. Kienet karrozzella misjuqa minn żagħżugħ.

"Tgħid dak il-ġuvnott jaqtagħni sar-raħal? U jekk jirrifjuta?"

Qaddisu kien igħid: "Biex tieħu dak li trid idħol ħelu, ħelu".

Hareġ f'nofs it-trejqa u għamillu sinjal biex jieqaf. Iż-żagħżugħ waqaf u staqsih x'kellu bżonn.

"Habib", qallu r-raġel, tagħmilli pjaċir u twassalli l-coat li għandi sar-raħal?"

"Bil-qalb kollha", wieġbu ż-żagħżugħ; "imma int kif ser tieħu l-coat lura?"

"Haġa ħafifa", tbissem ir-raġel, "billi jien nibqa' fil-coat".

Il-ġuvnott tbissem u newwel idu lir-raġel biex jirkeb.

Mhux talli Ġesù Bambin tah il-forza, imma talli bagħtlu karrozzella.

IZ-ZIJU EDDIE.


**INVICTA WORKS**

**MANUFACTURERS OF**

**MODERN TUBULAR FURNITURE**

**INVICTA for your household and office needs**

*Be Proud* — Have Modern Furniture

*Be Wise* — Have INVICTA FURNITURE

**FLATS - HOSPITALS - SCHOOLS**

are modern only when

INVICTA FURNITURE IS USED

FREE!! Literatures and Brochures on request.

*Factories and Head Office:*

Quarries Square, MSIDA 26651

*Showrooms:*

The Strand, SLIEMA 33827

Pietà Wharf, PIETA'.

**Visits Solicited Without Obligations**

**Buy the Best! Buy INVICTA FURNITURE**

**THE FURNITURE OF A LIFETIME**

# SUĊĊESS MISIDJAN

Żewġ personalitajiet popolari fl-Imsida huma l-Mro. Carmelo Zammit u l-Kav. Albert Cassola, li għadhom friski mir-rebħa mistħoqqa tagħhom fil-Malta Song Festival, li huwa s-"San Remo" ta Malta. Magħhom ferħet l-Imsida bi ħġarha, l-ewwelnett għax is-song *"Più non vorrei"*, kantata stupendement mill-Best Singer Tessie Micallef u fil-verżjoni Maltija mill-veteran tal-Festival Frans Fenech laqtet il-gosti tal-pubbliku; u iktar u iktar minħabba r-relazzjoni ta' dawn iż-żewġ persunaġġi ma' pajjiżna: il-Kav. Cassola joqgħod l-Imsida u Mro. Zammit huwa l-organista tal-Knisja Parrokkjali kif ukoll is-Surmast tal-Kor Parrokkjali. Tessie Micallef waslet għat-trijonf tagħha f'inqas minn sena mindu Mro. C. Zammit, inkuraġġit minn Cassola, ħarreġ lil din il-kantanta hekk brava u żagħżugħa.

Il-binomju Zammit - Cassola, li dis-sena rebaħ l-ewwel premju assolut f'dan il-Festival, huwa magħruf biżżejjed għal suċċessi kbar oħra. Biżżejjed insemmu meta ħadu t-tielet premju fl-istess festival bi *Il-qamar tal-maħbubin* (*Sull'astro del'amor*, bit-Taljan), u meta ġew l-ewwel bil-*Flimkien* (*Sempre così*) fir-Rockyvale, li l-istess Tessie Micallef interpretat ukoll ġo Agrigento fil-Gran Premio



della Canzone Mediterranea u li r-ritornell tagħha nstama' mir-Radjo Taljana.

Insemmu wkoll is-song *Sconosciuta* li tant kellha suċċess fil-Cantagiro tas-"Siciliacanta" u qalgħet it-tifħir ta' l-Istampa Taljana. Ma' dawn nistgħu nżidu *Sappi sappi che ti amo* (*Hobbni ħobbni qalb ta' qalbi*) li biha T. Micallef ħadet l-ewwel fil-kategorija B tal-Canzoni d'Oggi u li tkantat ukoll l-Italja minn Mimi Bertè li dejjem qalgħet l-applawsi tal-pubbliku Taljan. Suċċessi oħra ta' Zammit - Cassola huma: *Torna da me; Katarin; L-Emigrant; Tarantella dello studente; Inħobbok*, u fuq kollox *Baby Giogio*, fil-versjonijiet Taljana u Maltija, u *Solo tu muchacha* li għamlet suċċess kbir ieħor fil-V Festival del Sud, ġo Brindisi, bl-interpretazzjoni ta' Mina Mati u Maria Luisa.

Għal tliet darbiet wara xulxin Zammit u Cassola hennew eluf kbar ta' nies fil-famuż Festival della Stella d'Oro ta' Katanja. L-ewwel b'*Il piccolo trombettiere* (*The Little Buglers*) li biha ħa t-tieni Vincent Cu-



tajar (song li saret diska fl-Italja), imbagħad b'*Il somarello* li Arnold Cassola wassalha fl-ewwel post fl-ewwel serata tal-Festival. Issajf li għadda, kantati minn Arnold Cassola, *Babuccio sagrestano* u *Il campione* kellhom trijonf meta b'ta l-ewwel Arnold ġie t-tieni bħala kantant u bl-oħra iddebutta fuq ir-RAI meta din is-song ingħażlet ħalii tiġi trasmessa mir-Radjo Taljana. It-*Trombettiere*, interpretata dejjem minn Arnold, ħadet l-ewwel għall-mużika u għall-versi fil-Konkors "Piccolissima".

Tant bit-Taljan kemm bil-versjoni Maltija, *Il-ħmara* (*Il somarello*) tqanqal l-entużjażmu tal-pubbliku l-istess bħat-*Trombettiere* u *Il campione* li dalwaqt tibda titkanta bil-Malti wkoll taħt l-isem *Il-ballun. Il somarello* kellha suċċess kbir ieħor meta Raymon Debono kantaha ġo Napli u Ancona u dan ġie milqugħ bil-*bis*. Barra dawn is-songs għat-tfal insemmu *Il paradiso dei piccoli* (*Children's Paradise*) u *Micio Babalù* li, kantata wkoll, bħall-*Paradiso*, minn Arnold, ħadet l-ewwel premju fil-Konkors tar-Radio City għall-għażla tas-song li riedu jibagħtu għall-European Song Festival tat-Tfal li jsir bil-Eurovision.

Mhux ta' b'xejn qed nistennew bil-ħerqa li joħroġ id-disk u l-ktieb bil-mużika u l-versi ta' *Più non vorrei* u *Lilek il-lum* li, nittamaw, nisimgħuhom fil-Eurovision għall-European Song Festival. Ikun unur għall-Imsida, għal Malta u Għawdex, għaż-Żgħażagħ Haddiema Nsara u l-M.T.V.

PROFIL

# IL-KAVALIER JOSEPH BORG

Minn OVIDJU



Bi pjaċir inħabbru li l-Ispiżjar Joseph Borg li joqgħad hawn l-Imsida, kien wieħed minn dawk li dan l-aħħar l-illustri Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann għoġbu jgħollih għad-dinjità ta' Kavalier Maġisterjali. Għan-nom tal-Board Editorjali u tal-qarrejja nifirħulu minn qalbna għax barra milli huwa unur għalih innifsu tax-xogħol wisq kbir ta' l-ispiżerija li huwa waqqaf u qiegħed imexxi b'tant għożża u attenzjoni lejn il-fqar tal-Little Sisters of the Poor Home tal-Hamrun kif ukoll fil-Headquarters ta' l-Ordni fil-Belt, huwa unur anki għal pajjiżna l-Imsida li hu tant iħobb. Inċidentalment fl-Imsida ma kellna l-ebda membru ta' dan l-Ordni barra mill-W. Rev.du Mons. Arturo Bonnici li dan l-aħħar qed joqgħod fostna.

Il-Kavalier Borg twieled il-Marsa fl-1 ta' Frar, 1919. Għamel l-ewwel studji tiegħu fl-iskola elementari tal-Marsa u fis-Seminarju Veskovili ta' Għawdex, minn fejn għadda għall-aħħar klassi fil-Liċeo tal-Belt fl-1938. Wara l-Matrikola hu għamel il-korsijiet ta' Spiżjar u ta' Prokuratur Legali fl-Università Rjali. Hadem mal-Gvern bħala Spettu Sanitarju fil-Belt matul il gwerra, bħala l-Ispiżjar ta l-Isptar Ċentrali tal-Furjana, bħala Analista tad-Dwana, u bħala surmast ta' l-Assistenti Spiżjara. Huwa Membru tar-Royal Society of Health, ta' l-Institute of Petroleum, u tas-Society for Analytical Chemistry, it-tlieta ta' Londra. Fl-1963 laħaq Donat First Class ta' l-Ordni Sovran u Militari ta' Malta.

Fl-1 ta' Diċembru, 1945, iżżewweġ lis-Sig.na Mary Ann nee Gatt.

Lill-korrispondent tagħna, il-Kavalier Borg qallu li dawk il-parruċċani kollha fqar li jkollhom bżonn ta' xi mediċini mill-ispiżerija tal-Kavalieri ta' Malta jew ta' San Ġwann, jistgħu jmorru fis-Sede Ċentrali tagħhom f'196, St. Ursula Street, il-Belt, kull nhar ta' Sibt wara nofs in-nhar mit-

*(jissokta fil-paġ. 8)*


E. MAISTRE

of

162, BRITANNIA STREET,

VALLETTA

Tel. 24888

for

*STATIONERY — PRINTING*

*RUBBER STAMPS — TOYS*

PAĠNA TAN-NISA

Minn CARMEN CARBONARO

# ŻMIEN IR-RIGALI

**F'dawn il-granet tal-Milied kulhadd ftit jew wisq jibda jikkonfondi biex jaghti rigali lil tal-familja jew lill-hbieb. Biex nghinkom fil-ghazla ser naghtikom xi ideat jien forsi ssibu dawn ta' htiega.**



L-omm lit-tifla taghha tista' taghtiha xi jersey jew tlestilha xi kaxxa tax-xoghol biex iddarriha thobb il-hjata. L-omm tista' anki jekk ma ghandhiex żmien tahdem, taghti lil bintha xi ktieb tajjeb li jibqa' jservieha anki 'l quddiem meta hija tkun f'darha. Dawn il-kotba jistghu jinghataw anki mix-xebba lil habiba taghha, lil xi xebba ohra li tiġi minnha, u anki mill-gharus lill-gharusa tieghu, u ibqghu żguri li dan huwa rigal tassew adattat u li jibqa' u li jaghmel ġid.

It-tifla lil ommha tista' taghtiha wkoll xi sett ta' cream u terra u xi xkupilja tax-xaghar. Jekk it-tifla tkun inġenjuża tista' anki taghti lil ommha xi rigal ghad-dar, bhal xi sett doylers jew xi vażun sabih.

It-tifla lil huha tista' taghtih xi kartiera tas-sigarretti jew anki xi pad ta' l-ittri.

Lill-habiba, ix-xebba tista' taghtiha hafna xorti, bhal xi beauty set, jew xi handbag jew scarf tal-bellus, xi beret, tea-cosy tal-feltru jew pannu, bl-applique li din malajr taghmilha. Tinsewx ukoll meta tippakkjaw ir-rigali, li żżejnuhom kemm tistghu, ghax ir-rigal jidher sabih id-doppju jekk inti tkun taf iżżejnu.

Il-mara lir-raġel taghha tista' taghtih xi pullover jew sett ta' ingravata u peduni jaqblu, xi ċinga ta' l-arloġġ, xi sett tal-lehja, xi ktieb li joghġbu; anki xi haġa ta' xi hobby li ghandu, bhall-pittura. Tista' anki taghżillu xi tabakk tal-pipa jew sigarretti li huwa jhobb, xi kartiera jew xi lighter.

U lit-tfal? Lit-tfal iż-żghar tistà 'taghżel ghalihom skond l-età taghhom, ghaliex it-toys hemm hafna x'taghżel ghal kull età; u dawk it-toys li huma adattati ghal min ghandu sena, ma humiex adattati ghal dawk li ghandhom sitt snin. Mela halli naghtikom xi ideat kif taghtu r-rigali lit-tfal skond l-età. L-ewwel-nett ghandkom taghżlu toys li ma jistghux ikorru bihom. It-tieni araw li t-toys li taghtuhom ikunu jistghu jitghallmu xi haġa minnhom; niftakru li t-tfal jiehdu gost hafna jekk taghtuhom xi toy li huma jixtiequ, u allura jista' anki wiehed jistaqsihom x'inhu l-aktar li jixtiequ biex tara f'hiex int. Araw li ma taghtux xi toys lit-tfal li ma jkunux jistghu jimmaniġġawhom, jew xi toys li jkunu tal-babies, li ma jistghu jaghmlu xejn hlief iharsu lejhom. Ftakru li t-tfal jitghallmu l-aktar huma u jilaghbu, ghaliex tifel jew tifla b'sahhithom dejjem jaraw x'jivvintaw u x'jaqilghu, iġebbdu u anki kultant iqattghu, biex jaraw l-oġġett kif inhu maghmul; dan juri l-intelliġenza taghhom, ghaliex ċerta kurżità hija sinjal ta' l-intelliġenza taghhom, u t-tfal jitghallmu bil-mistoqsijet.

Lit-tfal ta' xi sentejn jew tliet snin tista' taghtihom xi barmil tar-ramel u xi paletta, jekk tkun tifla ghatiha xi pupa. Lit-tfal ta' bejn 3 u 4 snin tista' taghtihom xi pram tal-pupa żghira, xi tea set, xi set tal-bricks, xi tafal biex jimmodellawh, blackboard bil-ġibs ikkulurit, pniezel tal-kulur biex ipinġu u folji jew kotba biex ipinġu fuqhom.

Minn 5 sa sitt snin tista' taghtihom xi toys biex jiffurmawhom huma, bhal bricks, xi scooter, kotba bl-istampi, nursery rhymes u stejjer tal-Vanġelu; ghassubien ukoll tista' taghtihom xi train, xi karrozzi xi vapur jew dghajsa. Ghal-l bniet ixtrulhom xi kanvas biex jahdmu fuqu xi pont sempliċi, suf ikkulurit u labar b'ghajnejhom kbira biex jahdmu s-suf.

Issa niġu ghat-tfajliet. Lil dawn tistghu tixtrulhom xi fardal helu ghax-xoghol tal-hjata, jew anki xi fardal ghall-kċina maghmul bil-frillijiet li nghidulu "best apron". Dan ikun rigal tassew helu anki bejn l-ahwa; jew xi ktieb tar-riċetti li intom iżżommu bejnietkom ġol-kexxun tal-mejda, biex

*(jissokta fil-paġ. 8)*


**20th Century**

**IMP. & EXP. AGENCY**

**84, ST. JOHN STREET - VALLETTA**

SOLE AGENTS FOR

**ALL**

**LESA**

**PRODUCTS**

**WYNDSOR**

**TAPE RECORDERS**

**and**

**ULTRAVOX**

**TELEVISIONS**

**AFTER-SALE SERVICE GUARANTEED**

**Phone: 21873**

## GĦALIEX TWELIDT, TARBIJA?

Dabet bħal borra fin-nirien sena oħra:
Diċembru reġa' magħna;
U kulħadd jirżaħ fil-qirra xitwija,
U l-għata tittenna u tittellet!

Imma l-Bambin, dak Alla ta' Marija,
Imfisqi fit-tgeżwira fqajra tiegħu
Fit-twieqi jerġa' jixref
Imnażża' bħalma dejjem kien u jibqa'!
U miegħu jinxtegħlu belhana
Is-siġar tal-Milied;
U tidwi mat-toroq il-għana
Tat-tfal fil-purċissjoni;
Mat-tintinnati tal-qanpiena hienja
Il-leħen ħlejju tat-tfajjel jippriedka.

Hu żmien qaddis ta' ħajr u mħabba safja
Imma mill-bogħ'd 'il bogħ'd jinstama' jriegħed
Mal-ħalfa tal-mibegħda,
Il-għagħa u ġlied bla heda,
U d-daħk imqanżaħ taż-żienja moqżieża!

Id-dinja mgħarrqa ġol-għargħar tal-ħażen!
Inkinset it-tifkira tal-maxtura!
Ma baqa' jfisser xejn it-Twelid t'Alla;
U tifraħ il-miġemgħa ta' l-għajjura
Għaliex il-bniedem insieha t-tarbija
F'dirgħajn Marija, rieqda;
U mehdi fil-frugħat,
Fil-ħolm tal-qerq mar fittex il-mistrieħ!
Illum għalih tarbija ġdida twieldet:
Illum hu żmien James Bond!

ALBERT MARSHALL.

★ ★ ★

## F'LEJL IL-MILIED

F'għar imwarrab qalb ir-raba'
F'dak id-dlam tal-lejl mistur,
Twieled fqir minn Omm bla tebgħa,
Mill-waħx lejli u l-ksieħ maħqur!

Dlonk is-sema kollu idda
U l-ħabbara tal-Helsien
Imlibbsin minn lewn il-fidda
Dehru jgħaxxqu lill-ħolqien.

Imtlew bl-hena l-aktar bnina
F'nofs il-jasar il-bnedmin,
Tnisslet tama ġewwa fina
L'għad inkunu meħlusin.

Kulħadd qam, slaten u ragħajja
Sabiex jifraħ f'dan il-lej';
Għax fil-faqar ta' dil-ħajja
Fostna twieled il-Feddej.

Aħna wkoll il-lum nifirħu
X'ħin niftakru f'dak il-jum;
U imwaħħda lkoll nimirħu
Bil-ħsieb tagħna 'l bogħod mil-lum.

Ninsew kollox biex fi djarna
Nilqgħu b'ferħa lill-Bambin,
U inġarrfu l-istess swarna
Sabiex nilqgħu lill-fqajrin.

U ilkoll quddiem maxtura
Li fuqh' hemm Ġesù tarbija
B'leħen wieħed, b'qalbna tħeġġeġ
Daqs fl-imħabba fiż-żgħożija.

Inkantaw l-aħbar li ġriet
Meta twieled ilu s-snin:
"Glorja 'l Alla fis-smewwiet;
Paċi fl-art lin-nies twajbin".

JOYCE AGIUS.




# IL-MILIED TA' KARMENU

Novella ta' PETER A. CARUANA







*"Ninni la tibkix iżjed,*
*Ninni Ġesù Bambin;*
*Ħallih għalina l-biki*
*Għax aħna midinbin".*

Hekk kienu qegħdin ikantaw it-tfal huma u għaddejjin fit-toroq tar-raħal f'purċissjoni bil-Bambin Ġesù.

Meta sema' l-kant u l-għagħa tan-nies li kienu ħarġu fit-toroq biex jaraw il-purċissjoni li ta' kull sena kienet issir f'lejlet il-Milied Karmnu mesaħ xofftejh bid-dahar ta' idu, ġenneb il-platt tal-minestra minn quddiemu u huwa wkoll ħareġ barra biex jara t-tfal għaddejjin bil-Bambin tax-xemgħa. Kienet dehra tassew sabiħa. Fir-ras tal-purċissjoni kien hemm wieħed li s-snin kienu għadhom kemm bdew jidhru fih iżomm bandalora ħamra. Fuq il-bandalora kien hemm xbieha ta' ħaruf irrakkmat bil-ħjut tad-deheb u salib tiela' minn ħdejn saqajn il-ħaruf u jispiċċa sewwa sew fuq rasu. Imbagħad wara l-bandalora kienu mexjin mijiet ta' tfal imqassmin f'żewġ ringieli; waħda kull naħa tat-triq li minnha kienu jgħaddu.

Karmnu baqa' wieqaf fejn kien. Il-ħarsa tiegħu kienet miksura u bħal dell sewdieni kien imleflef ma' wiċċu. Beda jiftakar fil-ħidma tiegħu biex igħajjex 'l uliedu, lill-imsejkna mara tiegħu. Sa dak in-nhar dejjem kien irnexxielu jaqla' biċċa ħobż bil-ħidma tiegħu fil-għalqa, imma issa x'agħmel jekk ix-xita tibqa' bla ma xxarrab l-art li kienet niexfa qoxqox? Iż-żrieragħ kienu bdew inebbtu u milli kien jaħseb fil-bidu, l-annata kienet ser tkun ħanina miegħu, imma issa, wara li tfaċċaw in-nebbiet, ix-xita baqgħet imdendla bla ma ssoktat ixxarrab il-ħamrija. X'jagħmel? Karmnu ma kellux saqwi għax li kieku l-annata għalih kienet tkun mod ieħor, annata ta' riżq u barka. Karmnu kien beda jaqta' qalbu għax jekk ix-xita ma tinżilx fi ftit jiem, in-nebbiet kien jinxef u jintilef mat-trab tal-ħamrija.

Hekk kien qiegħed jaħseb Karmnu meta sema' lil xi ħadd isejjaħlu:

"Missier!"

Karmnu neħħa għal mument il-ħsibijiet koroh li kienu qegħdin iberrnu ġo moħħu u ħares lejn min sejjaħlu. Kien Toni, it-tifel fustani tiegħu. Toni kien qiegħed iżomm f'idejh bħal fanal kbir bix-xemgħa tixgħel ġo fih. Fil-faċċata tal-fanal kien hemm kliem minqux imbagħad imgħotti bil-karti sofor. Karmnu ħares 'il fuq u lemaħ il-kliem li kien hemm. Jaqra ma kienx jaf u għalhekk xejn ma ħabbel moħħu li jsir jaf x'kien ifisser il-kliem miktub bil-Latin. Iżda d-dawl tax-xemgħa li dak il-ħin kien qiegħed inemnem stħajlu bħal dawl ta' xi berqa fil-bogħod.

Il-purċissjoni kienet kważi ntemmet meta erba' żgħażagħ dehru jerfgħu pedestall imżejjen bil-ward u xi ħaxix ieħor. Fuq il-pedestall kien hemm statwa tax-xemgħa tal-Bambin tarbija. Idejh kienu miftuħa donnhom iħajru lil kull min ikun fil-bżonn jersaq u jitlob lilu għax ħarset il-Bambin ċkejken kienet tidħol fil-qlub u ssabbar lil kull min iħares lejh. Wiċċu, għalkemm tax-xemgħa, kien juri li dak il-jum ma kienx jum bħall-oħrajn; dak in-nhar kien lejlet il-Milied; lejlet it-Twelid ta' Dak li ħalaq u jista' kollox.

Wara l-Bambin kienu jidhru xi nofs tużżana daqqaqa, tlieta bil-vjolini, tnejn bil-kitarri u ieħor bil-kastanjoli. Il-ħlewwa ta' daqq li kien jidwi dak il-ħin, beda jasal f'widnejn Karmnu bħall-ħoss ħlejju li tagħmel ix-xita fuq il-ħġieġ tat-twieqi. Il-ħoss tal-kastanjoli kull tant, għal Karmnu kien bħal tkarwit ta' xi ragħda li tinstema' f'xi ħalba xita. It-tħaxwix taż-żraben fuq l-asfalt tat-triq, f'widnejn il-bidwi beda jasal bħal ċaflis ta' saqajn fuq ħamrija mxarrba.

Il-purċissjoni għaddiet u ħlief id-diwi tal-kant tal-Milied li kien ħiereġ mill-fomm ta' kull tifel li kien hemm, ma' baqa' jinstema' xejn aktar. Il-fanali li kienu jdawwlu l-purċissjoni, kienu jidhru jixxejru 'l hawn u 'l hinn bħal dgħajsa fil-maltemp ma' kull pass tar-reffiegħ tagħhom.

Meta Karmnu ħass għajnejh juġugħ bil-ħars fitt lejn id-dawl, daħal ġewwa, niżżel il-ftit minestra li kien fadallu fil-platt, xorob xarba ilma mill-buqar tal-ħġieġ imxellef li kellu quddiemu u ħareġ 'il barra bla ma jaf fejn imur.

Sab ruħu jiġġerra mat-toroq u kull tant għajnejh kienu jħarsu 'l fuq lejn is-sema bħal donnhom jistennew ix-xita nieżla. Imma s-sema kien mimli b'toqob bojod iteptpu u l-qamar kien jitfa' mrieżaq ta' dawl abjad fuq l-uċuh midbiela tar-raba'. Ma kien hemm l-ebda tama ta' xita u għalkemm ta' kull filgħaxija Karmnu kien jintasab iħares lejn inżul ix-xemx jittama li jilmaħ xi sħab sewdieni, il-ħajbur xorta baqa' jħammar bir-raġġi fietla tax-xemx għajjiena.

B'qalb tqila u b'moħħ imħawwad għall-aħħar, Karmnu daħal mill-ġdid ġo daru u ntefa' fil-friex biex forsi jsib xi ftit serħan. Imma ħsibijietu kienu qegħdin ikiddu lil moħħu bis-sħiħ u ħlief jitqalleb minn naħa għall-oħra ma seta' jagħmel xejn aktar.

Fis-sikta u l-ħemda tal-lejl, il-qniepen tal-knisja bdew jinstemgħu jdoqqu, iħabbru l-ħin li waslet biex tibda l-Quddiesa ta' nofs il-lejl. Karmnu tmattar u wara li ttewweb fit-tul, tefa' fuqu qalziet u flanella u s-sidrija tan-newl u rħielha għall-knisja. Kienet l-ewwel darba li Karmnu kien ser jisma' l-Quddiesa ta' nofs il-lejl nhar il-Milied. Ma għandniex xi ngħidu, hekk kif ħareġ il-bieb ta' barra, għajnejh reġgħu taw ħarsa saqsieqa lejn is-sema, imma l-kwiekeb kienu għadhom hemm bħal lampi mwaħħlin minn xi sħarijiet.

Daħal il-knisja u għalkemm in-nies kienu diġà ngħaqdu mal-qassis fit-talb imqaddes lanqas nifs ma kien jinstama. Il-knisja kienet qisha xi ġenna bħalma naraw impinġija fis-santi jew fl-inkwatri. Il-knisja kienet imdawwla bi dwal qawwija u l-artal maġġur kien fih x'tara tassew. Imħalltin mar-raġġi tal-lampi li kien hemm idawwluh, kienu jidhru l-ħjut tal-ġilbiena bajda u l-qamħ lewn il-fidda. Il-Bambin li Karmnu kien ra fil-purċissjoni, reġa' lemħu fuq l-artal qalb ix-xemgħa u l-ħjut fiddiena tax-xgħir. Karmnu ħares lejh. Ftakar li dak il-lejl kien ifakkar it-twelid ta' Dak li jista' kollox.

Il-bidwi għaqqad idejh flimkien bħalma soltu kien jagħmel meta s-sikka tal-moħriet kienet tiltaqa' ma' xi ġebla kbira fil-wiċċ tal-ħamrija, u beda jitlob. It-talb tiegħu kien talb ħiereġ mill-qalb u kull tant, mat-taħrik ta' xofftejh kienet tidher xi demgħa ġġelben ma' ħaddejh.

Il-Quddiesa spiċċat u fil-bieb tal-knisja nġemgħet folla kbira. Kulħadd kien qiegħed jirdossa 'l ġewwa biex ma jixxarrabx. Xi nisa li kienu għadhom jużaw l-għonnella u li kienet x'aktarx ta' kulur aħdar flok iswed, tkeffnu fiha kemm setgħu u rħewlha jgħaġġlu kemm jifilħu lejn darhom. Karmnu ma tkeffen xejn u flok li baqa' jistenna x-xita tehda, ħareġ mill-knisja ferħan. Ferħan għax in-nebbieta taż-żrieragħ tiegħu ma kinux sejrin jinxfu.

L-għada, jum il-Milied, ix-xita baqgħet nieżla, u għalkemm kulħadd ħtieġlu jibqa' ġewwa biex ma jixxarrabx, it-tbissima dehret tixref fuq il-fomm tal-ħlejjaq kollha. Kien Milied ta' hena mhux biss għal Karmnu l-bidwi, iżda wkoll għal dawk kollha li jsibu l-benna fil-prodotti li tagħtina l-art.

*Il-Board Editorjali*
*"L-IMSIDA"*
*jixtieq l-isbaħ xewqat*
*għall-Milied u s-Sena l-Ġdida*
*lill-kontributuri, ħbieb,*
*benefatturi, qarrejja*
*u lill-Misidjani kollha.*



## MILIED MALTI

Ersaq Milied qaddis fuq Malta tagħna,
Bil-ferħ u l-hena li wellidt fl-istalla;
Ibdel il-mard u l-hemm f'uċuh ferħana
U ixħet fuq dil-Gżira l-barka t'Alla.

Erġa', Bambin Ġesù, sib il-maxtura
F'kull dar li għandna u xerred fuqha l-milja
Tal-grazzji li teħtieġ, fil-qlub mostura
Ta' l-imnikktin, fl-ulied ta' kull familja.

Ejja bħal dari mdawwar bil-ġulbiena
Bil-kant taċ-ċkejkna, il-priedki sbieħ ta' tifel,
Bil-kagħ'k ta' l-għasel u l-lejliet fiddiena
Ta' qamar jidħak, u presepju jixgħel.

Nibqgħu, Maltin, nifirħu bil-Bambin,
Niċħdu d-drawwiet keshin tal-barranin.

CHARLES COLEIRO.

★ ★ ★

# GARA TA' KULTURA RELIĠJUŻA

Fid-9 ta' Novembru, bħal ma kien imħabbar fil-gazzetta *L-Imsida* ta' Novembru - Diċembru, fl-Istitut Kattoliku saret l-ewwel serata ta' din il-Gara ta' Kultura Reliġjuża bejn il-parroċċi, u dak in-nhar iltaqgħu t-teams ta' l-Imsida kontra dak ta' Birkirkara. It-team ta' l-Imsida ħareġ rebbieħ fuq dak ta' B'kara b'punt wieħed. Quddiem ħafna nies it-team tagħna għamel kuraġġ u wieġeb bl-ikbar dettallji r-risposti kollha mistennija minnu.

Dawk li ħadu sehem kienu s-Sur John Sapiano, is-Sur Albert Marshall, is-Sur M. C. Spiteri, Miss Anna Zerafa u s-Sur Raymond Galea. Leader tat-team kien is-Sur Lino Bartolo.

Wara saret serata varjata ta' Talent Misidjan, u hawn ukoll il-parroċċa tagħna għamlet figura attraenti quddiem l-udjenza preżenti. Fost dawk li ħadu sehem insibu lis-Sur Charles Cassano li bil-ħila artistika tiegħu żamm l-udjenza attenta għal dak li kien ipinġi; lil Mr. Joe Greengrass li daqq l-accordeon, u interpreta selezzjoni min-*Nabucco* u t-*Traviata* b'ħila kbira. Anna Zerafa kantat għall-ewwel darba fuq il-palk u jidher li għad tipprometti għall-mod kif interpretat il-kanzunetta tas-Surmast Carmelo Zammit. Il-bravu tfajjel Arnold Cassola kanta xi kanzunetti miktubin mill-papà tiegħu, il-Kav. Albert Cassola. Fl-aħħar Mr. Walter St. John daqq il-pjanu u semmgħalna bċejjeċ klassiċi magħrufa li flimkien malħila tiegħu taw gost lil min semagħhom.

Wara, biex is-serata tinġieb fit-tmiem, il-Compere, is-Sur Maurice Lubrano, stieden lil-Leaders tat-teams, li kienu r-Rev. Karm. Aquilina għat-team ta' Birkirkara u Lino Bartolo għat-team ta' l-Imsida, biex jgħidu kelmtejn. Lino Bartolo rringrazzja lil dawk kollha preżenti u lil dawk li ħadu sehem, u wiegħed li ser ikomplu jistudjaw ħalli darb'oħra jerġgħu jagħmlu suċċess. Fil-15 ta' Frar, l-Imsida jmissha tilgħab kontra t-team ta' Had-Dingli.

## ŻMIEN IR-RIGALI

*(jissokta minn paġ. 5)*
iservi għal kulħadd, għall-aħwa bniet kollha u għall-omm. Lill-ġuvintur tista' tagħtihom xi ħaġa bħal ingravata, xi par kalzetti jew par cuff links, li llum hawn ħafna minnhom.

Fl-aħħarnett tinsiex li jekk inti ser tagħti xi rigali lill-membri kollha ta' l-istess familja tista' tagħmel bħal Christmas Hamper, tirranġah sabiħ ġo kaxxa tal-kpiepel, iksiha bil-karti ikkuluriti u imliha bir-rigali li tkun ser tagħtihom.

Naħseb li b'hekk solvejt waħda mill-ħafna problemi ta' dan iż-żmien li ħafna minna niltaqgħu magħha. Jiena wkoll nixtieq li nagħti lill-qarrejja ta' din il-paġna l-isbaħ xewqat għall-festi tal-Milied u bidu ta' sena ġdida mimlija hena, barka u risq kif irid il-Bambin.

(jissokta minn paġ. 4)
3.30 p.m. 'il quddiem fejn hu jaqdihom bil-qalb kollha basta jkollhom ir-riċetta tat-tabib għallinqas għall-ewwel darba li jmorru u li fuqha l-Kappillan jew l-imsemmi Mons. Arturo Bonnici, bħala membru ta' l-istess Ordni, ikun iċċertifika li l-persuna li tkun ma tkunx tista' tħallas.

Nifirħu mill-ġdid lil Chev. Joseph Borg u ngħidulu biex ikompli x-xogħol li qed jagħmel lis-soċjetà.


**SHELL FILLING STATION**
(Prop. J. Pace & Sons)
MENQA SQUARE - MSIDA
Telephone: Sliema 2745





**Jekk tridu trabbu flieles għan-negozju u taqilgħu l-flus minnhom ixtru mill-**

**WEMBLEY STORE**
KINGSWAY - VALLETTA

Cobb

WELP'S WELP-LINE LAYERS

**Flieles li jekk ikunu mrobbija tajjeb, f'għaxar ġimgħat jistgħu jaslu biex jiżnu ċirka ratlejn il-wieħed.**

**Għawwietaq bojod jew ħomor li jieklu ftit u jbidu ħafna.**

Għal informazzjonijiet oħra irrikorru fl-ewwel sular tal-

**WEMBLEY STORE**
**KINGSWAY - VALLETTA**

jew ċemplu:
**25148 - 26631**

*Il-*WEMBLEY STORE *huwa magħruf biżżejed għall-flieles li jbiegħ.*



**A B C**
STATIONERS & PRINTERS
NEWSAGENTS & PHOTOGRAPHERS
**FOR QUALITY PRINTING AND QUICK SERVICE**
201, OLD BAKERY STREET
3/5, SOUTH STREET
VALLETTA

## Postijiet ta' Interess fl-Imsida — 3.

# REDIFFUSION HOUSE

Minn LINO BARTOLO



**Din is-sena, ir-Rediffusion, li l-lum jinsab fil-Parroċċa ta' l-Imsida, jagħlaq 30 sena ta' xandir, u għalhekk xieraq li nġibu xi kelmtejn fuqu. Fl-Imsida ma ġiex qabel is-sena 1957, imma sa dak iż-żmien kien laħaq għamel ħidma kbira ta' xandir sa mis-sena 1935 u l-iżjed fi żmien il-gwerra. Il-għadd ta' l-imseħbin u l-ħidma tar-Rediffusion kienu żdiedu hekk bil-qawwi li nħasset il-ħtieġa li jinbena stazzjon ġdid li jiġbor fih l-uffiċini, l-istrumenti u l-makkinarju kollu.**

Inxtrat biċċa art fuq Gwardamanġa, xi 300 jarda 'l barra mill-isptar, u f'Mejju ta' l-1956 inbeda x-xogħol tal-bini. Dan baqa' sejjer sa Diċembru ta' l-1957, u sewwa sew nhar it-30 ta' Diċembru, 1957, saret l-ewwel xandira mill-post il-ġdid. Dak in-nhar filgħaxija fil-Canteen kbir tar-Rediffusion saret stedina tal-Milied għall-ħaddiema u l-mexxejja tar-Rediffusion.

Imma l-ftuħ uffiċjali sar nhar it-23 ta' Jannar, 1958. Il-Gvernatur Sir Robert Laycock, li kellu miegħu liċ-Chairman tal-Kumpannija Mr. F. Bellchambers u lill-General Manager Commander E. Hamilton Hill, fetaħ il-bieb tal-ħadid b'muftieħ tad-deheb u wara sar it-tberik mill-E.T. Mons. M. Gonzi, megħjun mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W. Rev. Dun A. Pace. Fost il-mistednin kien hemm l-E.T. Mons. E. Galea, Isqof ta' Tralles, il-Logotenent Gvernatur Trafford Smith u martu, l-Onor. J. Abela, li deher għall-Prim Ministru, il-Commander-in-Chief, il-G.O.C., Mons. A. Bonnici u bosta oħrajn.

F'April ta' l-1958, il-bini l-ġdid tar-Rediffusion kien ikkonsagrat lill-Qlub Sagratissimi ta' Ġesù u ta' Marija mill-E.T. Mons. E. Galea, Isqof ta' Tralles, megħjun minn Fr. H. Born O.P., u fid-daħla tal-bieb tqiegħdet xbieha tal-bronż li turi l-Qalb ta' Ġesù imħejjija minn George Atkins tar-Rediffusion. Għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll Mr. F. J. Bellchambers, Mr. A. Kemp u Mr. F. Yardley.

Kemm ilu fuq il-għolja ta' Gwardamanġa, ir-Rediffusion għamel ħidmiet qawwija u kellu xandiriet kbar. Fosthom insemmu x-xandiriet taċ-ċentinarju ta' San Pawl, it-tagħrif li ngħata bl-akbar reqqa fil-mewt u l-funerali ta' Papa Piju XII u Papa Giovanni XXIII, kif ukoll fil-ħatra u fl-inkurunazzjoni ta' Papa Giovanni XXIII u ta' Papa Pawlu VI. Insemmu wkoll ix-xandir tal-Konċilju, tal-funerali ta' Churchill u ta' Kennedy u, fuq kollox, ix-xandir tal-festi ta' l-Indipendenza.

Il-programmi dejjem baqgħu jilħqu bilanċ tajjeb u livell għoli. Id-drama li tinstama' minn fuq ir-Rediffusion li hi mmexxija minn Panel ta' tlieta min-nies, mhux biss hi l-aktar imfittxija mis-semmiegħa, imma għandha wkoll standard għoli li jħabbatha ma' ta' barra .Il-letteratura Maltija għandha triq miftuħa bix-xandir letterarju li jsir, waqt li l-Baned Maltin b'dan is-servizz jinstemgħu f'kull dar. It-tfal għandhom programmi sbieħ għalihom waqt li l-kbar għandhom kull sura ta' mużika biex tferraħhom. Fuq kollox jingħata servizz pubbliku lil kulħadd mhux biss bix-xandir ta' l-aħbarijiet u ta' taħditiet u argumenti li jżommu lil kulħadd imgħarraf b'dak li jiġri f'Malta u fid-dinja, imma wkoll bil-għajnuniet li jingħataw bit-tagħrif fuq it-temp, bis-sejħat għall-fqar, għall-benefiċenzi, għal dawn li jeħtieġu d-demm, għal min ikun tilef xi ħaġa u qadjiet oħrajn.

Kemm ilu Gwardamanġa r-Rediffusion fittex li jkattar il-kultura f'Malta bin-nies li stieden jiġu minn barra ħalli jkantaw jew idoqqu f'teatri f'Malta. Fost dawn insemmu lil Moura Lympany, lil Segovia, lil Joan Hammond, lil Compoli, lil Renato de Barbieri, lil Pears u lil Bream, lil Moiseiwitsch u oħrajn.

Ma nistgħux inħallu barra ħidma kbira li qed jagħmel ir-Rediffusion fil-Parroċċa ta' l-Imsida. Din hi l-għajnuna li jagħti lill-Creche ta' l-Ursolini. Hemm Kumitat apposta li fih turi ħidma kbira Mrs. D. Hamilton-Hill, biex jittieħed ħsieb ta' wieħed mill-flats. It-tfal tal-Creche huma wisq għeżież għar-Rediffusion li jieħu ħsiebhom bil-ħeġġa u bir-reqqa.

L-isbaħ relazzjonijiet jinsabu bejn ir-Rediffusion u l-Parroċċa. Waħda mill-isbaħ ġrajjiet tas-sena għar-Rediffusion hija meta fi żmien il-Għid il-Kbir, il-W. Rev. A. Pace, Kappillan tal-Parroċċa, jitla' jbierek Rediffusion House u, minn meta nbniet Television House, jitla' jbierek ukoll dan il-post ġdid. Ir-Rediffusion ukoll huma responsabbli għas-sistema ta' loud-speakers li hemm fil-Knisja Parrokkjali.

Minn qalbna nifirħu lir-Rediffusion għat-tletin sena ta' xandir li ilu fih, u nixtiqulu snin twal fostna fil-ħidma siewja u tajba tiegħu.

BUSY BEE

SPEĊJALITA'
GĦAL ŻMIEN IL-MILIED
Varjeta' kbira ta' Fancy Cakes
Christmas Cakes u Sufflejiet
ta' kull għamla u daqs
u elf ħaġa oħra
SERVIZZ MILL-AĦJAR
BI PREZZ MODERAT
L-IMSIDA Tel. 31738

## KUMITAT TAĊ-ĊENTINARJU

**Il-Kumitat imwaqqaf biex iħejji l-festi ċentinarji tal-Parroċċa fl-1967 jixtieq igħarraf lill-Misidjani kollha li fetaħ fund ta' donazzjonijiet għall-ispejjeż ta' l-istess festi. Jixtieq jappella, għalhekk, lil kulħadd, speċjalment lid-dilettanti, biex jgħinu. Kull donazzjoni għandha tintbagħat lill-Kaxxier, Kumitat Festi Ċentinarji, Nru. 5, New Street, Msida. Għal kull donazzjoni tingħata riċevuta u wara, il-lista tiġi pubblikata fil-gazzetta "L-Imsida". Mela kuraġġ, inkunu ġenerużi u San Ġużepp iħallasna. Grazzi.**

★ ★ ★

## IL-KUMITAT ĊIVIKU

ID-DRENAGG

Il-Kumitat Ċiviku għadu kemm issottometta rapport lill-Awtoritajiet ikkonċernati dwar id-drenaġġ fl-Imsida u Tal-Pietà. Ix-xogħol u t-tħejjija tar-Rapport saru minn Kummissjoni komposta minn professjonisti u nies ta' esperjenza li kien ħatar il-Kumitat aktar kmieni din is-sena.

Ir-rapport jagħti stampa ċara tad-drenaġġ fil-preżent u l-konsegwenzi li qiegħed jikkaġuna u dawk li jista' aktar jikkaġuna fil-futur. Fl-istess rapport ġew inklużi wkoll suġġerimenti, fosthom attenzjoni u żamma aħjar tal-katusi tad-drenaġġ li għall-Imsida tal-lum huma dojoq wisq; "pumping" regolari biex ma jiġix aktar ikkaġunat "overflow" fil-baħar u li l-kanali għall-ilma tax-xita ma jkollhomx konnessjoni aktar ma' dawk tad-drenaġġ.

FLOODS

Bħal issa l-kanali ta' l-ilma tax-xita fl-Imsida u Tal-Pietà jinsabu mnaddfa u lesti biex jilqgħu l-ilma f'każ li terġa' tagħmel xita qalila bħal dik ta' Ottubru li b'konsegwenza ta' hekk il-Misidjani sofrew inkonvenjent liema bħalu minħabba l-floods. Dawn il-kanali ġew imnaddfa immedjatament mill-Gvern wara talba li saret mill-Kumitat Ċiviku tagħna lill-Ministeru ikkonċernat. Il-Kumitat ġie mgħarraf ukoll li qed isir kanal għall-ilma tax-xita f'Dargens Road biex ikun jista' jilqa' l-ilma li jkun nieżel mi-istess triq u jwaddbu l-baħar.

HIDMIET OHRA

Fost affarijiet oħra li bħalissa l-Kumitat qiegħed jistudja u li fuq bosta minnhom diġà ġiet miftuħa korrispondenza ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati, hemm Letter Box f'Valley Road, Dwal aħjar fl-istess triq u Gwardamanġa Hill, u l-Għajn tal-Ħasselin.




★ ★ ★

LOEWE

OPTA

T.V.

JAĦSLU, ILAĦALĦU, JGĦALLU U JAGĦSRU
WAĦEDHOM!
IL-MAGNI TAL-ĦASIL AWTOMATIĊI
INDESIT
U
LINDE REFRIGERATORS
Aġent waħdani:
CONSIGLIO D'AMATO
WESTERN RADIO SERVICE
701, HIGH STREET — HAMRUN

# SPORTS

**Minn CHARLIE CASHA**

M.A.F.A LEAGUE

## MSIDA WOLVES

Mill-aħħar ħarġa tal-gazzetta *L-Imsida*, it-team ta' l-Amateurs Msida Wolves lagħab tliet logħbiet oħra tal-league tal-M.A.F.A. fejn żamm il-bandiera tperper bit-tliet rebħiet li rnexxielu jakkwista u tela' fl-ewwel post tal-klassifika mal-FSOBIANS tal-Furjana.

Il-klassifika taqra hekk:

| | P. | W. | D. | L. | F. | A- | Pts. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida W. | 5 | 4 | 0 | 1 | 8 | 4 | 8 |
| Fsobians | 5 | 3 | 2 | 0 | 6 | 2 | 8 |
| Hamrun L. | 4 | 3 | 1 | 0 | 7 | 1 | 7 |
| Hamrun U. | 4 | 1 | 2 | 1 | 4 | 3 | 4 |
| Zejtun Alb. | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 4 | 3 |
| Vall. S.P. | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 | 3 | 2 |
| Marsa Ygs. | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 9 | 0 |
| Sliema Y.B. | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 6 | 0 |

**Msida W. . . . . . . 2**
**Sliema Young Boys . . 1**
(14 ta' Novembru, 1965)

Il-Young Boys imheddin mir - relegation, irsistew kemm felħu biex itejbu l-qagħda tagħhom fil-klassifika, imma l-Misidjani kienu ferm superjuri mill-avversarji u fis-16-il minuta ta' l-ewwel half *Ritche Cauchi* skorja l-ewwel goal Misidjan. Wara dan il-goal, il-Young Boys għamlu sensiela ta' attakki u heddu sewwa l-lasti Misidjani, imma Lino Mizzi kien dejjem sod bejn il-lasti Misidjani.

Fit-tieni half it-team tagħna lagħab aħjar u *Charles Bason*, li ġie mgħajjat għal din il-logħba fl-aħħar minuta, skorja t-tieni goal Misidjan b'daqqa ta' ras minn corner mogħti minn Joe Demarco. Is-Slimiżi reġgħu għamlu xi attakki u Scerri, l-aħjar forward tal-Young Boys, skorja l-uniku goal għat-team tiegħu.

*Kif lagħbu:* Lino Mizzi; Alfred Galea, Tony Betts; Alfred Ellul, Louis Betts, Charles Sullivan; Ritchie Cauchi, Joe Demarco, Alfred Cutajar, Alfred Muscat, Charles Bason.

**Msida W. . . . . . . 2**
**Hamrun United . . . 1**
(21 ta' Novembru, 1965)

Msida Wolves lagħbu din il-logħba mingħajr tlieta mill-aħjar players tagħhom: Lino Mizzi indispost, u Lewis Betts u Ritchie Cauchi morda. Imma Victor Baldacchino kien sostitut tajjeb għal Lino, filwaqt li Henry u Tony Mifsud lagħbu logħba ferm tajba.

Il-Wolves kienu superjuri mill-bidunett u fil-15-il minuta *Joe Demarco* skorja l-ewwel goal minn pass perfett ta' Cutajar. Fit-tieni half il-Hamrun tjiebu aktar imma l-Misidjani baqgħu superjuri. Imma għall-kuntrarju tal-logħob *Borg* ġieb id-draw minn pass ta' Camilleri. Fis-66 minuta *Joe Demarco* rċieva mingħand Anton Naudi u ma kellu l-ebda diffikultà biex jiskorja l-goal tar-rebħa.

*Kif lagħbu:* Victor Baldacchino; Alfred Galea, Charles Sullivan; Alfred Ellul, Tony Betts, Alfred Muscat; Anton Naudi, Joe Demarco, Alfred Cutajar, Henry Mifsud, Tony Mifsud.

**Msida W. . . . . . . 2**
**Marsa Youngsters . . 0**
(28 ta' Novembru, 1965)

Wara din il-logħba l-gazzetti lokali kollha kellhom tifħir għat-team Misidjan u qablu li din is-sena l-Wolves għandhom team qawwi biżżejjed biex jirbaħ il-league tal-M.A.F.A. u qiesu wkoll it-team Misidjan bħala wieħed mill-aħjar teams li qatt ipparteċipa fil - kompetizzjonijiet tal-M.A.F.A.

L-Msida Wolves urew is-solita superjorità tagħhom u fl-ewwel half *Charles Buttigieg* skorja l-ewwel goal.

Fit-tieni half *Alfred Cutajar* skorja t-tieni goal b'kanunata li ma ta ebda ċans lill-goalkeeper tal-Marsa jilqa'.

*Kif lagħbu:* Lino Mizzi; Alfred Galea, Tony Betts; Alfred Ellul, Louis Betts, Alfred Muscat; Charles Buttigieg, Joe Demarco, Alfred Cutajar, Charles Sullivan, Tony Mifsud.

Il-logħbiet kollha saru fil-Corradino Ground 'A'.

Wara din il-logħba l-Msida Wolves ġiebu t-total ta' goals favurihom f'din il-kompetizzjoni għal 8 skorjati hekk: Ritchie Cauchi 2 (fi 3 logħbiet); Joe Demarco 2 (f'4 logħbiet); Alfred Cutajar 2 (f'5 logħbiet); Charles Bason 1 (f'logħba waħda) u Charles Buttigieg 1 (f'żewġ logħbiet); filwaqt li dejjem preżenti kellna lil Alfred Galea, Tony Betts, Charles Sullivan, Alfred Cutajar, Alfred Muscat.

## 20 Sena Referee - 10 Snin President

F'dan ix-xahar ta' Diċembru, is-Sur Joe Cassar Naudi jiċċelebra l-20 sena attiv bħala referee. Kien f'Diċembru, 1945, illi s-Sur Joe Cassar Naudi irreffja l-ewwel logħba tiegħu tal-Minors League bħala referee tat-III klassi.

Għalkemm is-Sur Cassar Naudi irreffja l-aktar logħbiet akkaniti fostna u barra minn Malta logħbiet Internazzjonali; u logħbiet fil-European Cups, irreffja logħbiet fl-Ingilterra, Italja, Libja, Greċja, Ċipru, Turkija u Albanija, l-aktar data li jibqa' jiftakar hija d-data tal-5 ta' April, 1965, meta wara s-Seminar tal-M.F.A. Sir Stanley Rous, President tal-F.I.F.A., ippreżentalu l-Badge tal-F.I.F.A. u sar l-ewwel referee Malti eleġġibbli li jilbes din il-badge.

Attività oħra li s-Sur Cassar Naudi ma jinsa qatt hija meta fl-1958 kien mar kors governativ fl-Ingilterra u l-F.A. Ingliża appuntatu biex jikkontrolla l-F.A. Amateur Challenge Cup Competition bejn Civil Service u l-Old Owens.

Is-Sur Cassar Naudi attenda korsijiet tar-Referees barra minn Malta, f'Via Reggio, l-Italja, u f'Basham Abbey, l-Ingilterra, għar-Referee Instructors Course. Huwa wkoll irrappreżenta lill - M.F.R.A. fir-Referees Association Annual Conference f'Worcestershire.

Din is-sena wkoll is-Sur Cassar Naudi jagħlaq 10 snin bħala President tal-M.F.R.A. fejn qabel ma sar President fl-1955-56 kien is-Segretarju Onorarju ta' din l-Association. Is-Sur Cassar Naudi huwa wkoll il-President tal-Kumitat Ċiviku u tal-Banda "Melita" ta' l-Imsida.

Aħna l-Board Editorjali tal-Gazzetta *L-Imsida* nifirħu lis-Sur Joe Cassar Naudi u nixtiequlu aktar suċċessi.

## BILLIARDS

Fil-Każin tal-Banda "Melita" qed issir Kompetizzjoni tas-Snooker fuq bażi ta' K.O. għall-membri tal-Każin. Sbatax-il membru qed jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni li qajmet interess kbir bejn il-players u l-membri.

Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni jirċievi Trophy u miniature cup filwaqt li l-finalista jirċevi tazza. Stikka tal-Billiard tiġi rregalata lil min iwaqqaf l-aktar break tul il-kompetizzjoni.

It-Trophy ġiet ġentilment mogħtija mis-Sur Remiġ Farrugia, membru tal-Kumitat tal-Każin, filwaqt illi s-Soċjetà offriet l-istikka u ż-żewġ tazzi.

Sakemm morna għall-istampa il-kompetizzjoni kienet waslet sat-tieni round. Hawn aħna ġibna għalikom ir-riżultati u tagħrif aktar nippubblikawh f'ħarġa oħra. Il-kompetizzjoni hija mmexxija mis-Sinjuri: F. Camilleri, C. Taljana, J Agius.

**RIŻULTATI:**

**First Round**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| C. Abela | 0 | *vs.* | E. Camilleri | 3 |
| J. Borg | 0 | *vs.* | E. Paris | 3 |
| A. Williams | 1 | *vs.* | J. Zammit | 2 |
| J. Galea (jnr.) | 2 | *vs.* | C. Azzopardi | 1 |
| A. Zahra | 2 | *vs.* | E. Micallef | 1 |
| J. Galea (snr.) | 3 | *vs.* | P. Galea | 0 |
| A. Said | 0 | *vs.* | A. Xuereb | 2 |

*Bye:* A. Agius, A. Borg, V. Borg.

**Second Round**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| F. Paris | 2 | *vs.* | A. Xuereb | 0 |
| J. Zammit | 0 | *vs* | J. Galea (jnr.) | 3 |
| J. Galea (snr.) | 0 | *vs* | A. Zahra | 2 |
| A. Camilleri | 0 | *vs.* | V. Borg | 3 |

*Bye:* A. Agius, A. Borg.

L-akbar break tal-kompetizzoni sa issa sar minn Joseph Galea Senior, li fl-ewwel round rebaħ lil P. Galea u tella' l-akbar break ta' 23. Joseph Galea Senior tilef fit-tieni round kontra Anton Zahra.

Breaks oħra saru minn Joseph Zammit, bi 22; Joseph Galea Junior b'21, u Francis Paris b'20. Il-breaks l-oħra kienu kollha inqas minn 16.

# VARJETA'

Minn F. E. R.

## INQAQAR U NTIETEF

### THE SHADOWS

Film ta' 30 minuta, jismu "Rhythm 'n' Greens" jagħti lix-Shadows l-opportunità li juru t-talent mużikali u komiku tagħhom. F'dan il-film ix-Shadows jagħmluha ta' eroj fi żminijiet il-Cavemen, il-Vikings, fi żmien ir-Re Canute, William the Conqueror, il-Kroċjati, Eliżabetta I, fi żmien it-tieni gwerra dinjija, tal-preżent u tal-futur. Tistgħu tobsru x'ser taraw. Il-film hu dirett minn Christopher Miles u Robert Morley hu n-narratur.

### KIM NOVAK

Fi żmien li Kim Novak kienet qed tiffilmja "The Amorous Adventures of Moll Flanders" kienet qed toqgħod ġo kastell.

Meta staqsewha jekk il-kastell kienx fih fatati, hija qalet: "Naħseb li iva. Ilgħaliex darba waqt li kont qed nara show mużikali fuq it-T.V. qomt niżfen u f'daqqa waħda sibt ruħi ndur u ndur u ġejt imsabbta mal-ħajt. X'qatt aktar seta' jkun jekk mhux xi fatat?"

### PAUL NEWMAN

Hafna atturi jiddejqu jiġu mistoqsija liema hija l-parti li l-aktar ħadu gost jagħmlu. Għalhekk Paul Newman meta ġie mistoqsi, hu wieġeb: "Jekk ikollok tużżana tfal u xi ħadd igħidlek liema hu l-favorit tiegħek, inti xi tgħidlu? Tgħidlu li tħobbhom kollha. Jien inħossni l-istess fuq il-partijiet li ħdimt. Kieku ma għoġbunix ma ħdimthomx".

### SOPHIA LOREN

Għall-parti li ħadmet f'"The fall of the Roman Empire" Sophia Loren ħadet miljun dollaru. Meta hi ġiet imħallsa b'nofs miljun għal "El Cid", Samuel Bronston qal lil Carlo Ponti, ir-raġel tagħha, li jekk qatt terġa' tagħmel film hi jkun jistħoqqilha miljun. U hekk kien. Meta Bronston bagħat lill-Viċi President tiegħu, Paul Lazarus, Ruma b'istruzzjonijiet u cheque bil-quddiem ta' 100,000 dollaru, hu qallu li jekk Loren titlob dollari aktar, iħassru kollox għall-film "The fall". Imma minn dan xejn ma ġara għax Sophia ma talbitx aktar.

# PETER AND GORDON

Peter Asher u Gordon Waller, anzi aħjar, Peter u Gordon, saru ħbieb daqs ħames snin ilu meta kienu l-iskola. Wara sitt xhur li saru jafu lil xulxin bdew idoqqu l-kitarra u jkantaw songs tan-nazzjon. Għall-ewwel kienu jagħmlu dan bħala divertiment, iżda wara bdew idoqqu u jkantaw f'diversi kunċerti u f'xi skejjel kif ukoll f'xi ħwienet u fil-każini.



Gordon ħalla l-iskola meta kellu 18-il sena, u flimkien ma' Peter kien joqgħod idoqq fil-pajjiż. Għall-aħħar tas-sena 1963, ħabib tagħhom irreġistrahom fil-London Pickwick Club. Kien hawnhekk li bdiet ix-xorti sabiħa tagħhom.

Wara li spiċċaw il-kunċert, Norman Newell, il-manager ta' l-EMI, talabhom biex imorru fl-uffiċċju tiegħu. Norman Newell qalilhom biex jirrekordja song li kienet *A world without love*, li kienet miktuba minn John Lennon u Paul McCetney tal-Beatles. Din id-diska malajr daħlet fit-"Top Twenty"fejn gawdiet għal ħafna ġimgħat postijiet sbieħ.

Gordon Waller twieled fi Scotland fl-4 ta' Ġunju tas-sena 1945. Huwa jobgħod xagħaru maqtugħ qasir, iqum filgħodu kmieni, iħobb jorqod, il-fotografija, kejkijiet taċ-ċikkulata u te.

Peter Asher twieled Londra fis-sena 1944. Jobgħod ipejjep, il-ħjar u jqum filgħodu kmieni. Jilbes innuċċali. Iħobb il-filosofija u l-jazz modern.

L-aħħar songs li ħarġu kienu *True love way*, *To know you is to love you*, u issa għandhom id-diska *Baby I'm yours*, li nisperaw li tagħmel suċċess bħal dawk ta' qabilha.


**G. GIORDANO**

**JEWELLER**

**Crystal Dealer**

*76, RUE D'ARGENS MSIDA*

Res.: Dial 34527

*For all kinds of*
**Fresh Vegetables, Pasteurized Milk, Frozen Foods and Groceries**
visit the

**SPLENDID STORE**

**Prop. J. M. FARRUGIA & SONS**
**53, D'ARGENS ROAD — MSIDA**
Orders by phone will be accepted with Free Delivery if you **Dial 32364.**

**FALZON'S PHOTO STUDIO**

**CAMERAS, FILMS & PHOTO GOODS DEALER**
**Passports, Portraits, Weddings, Parties and other social activities by appointment.**
**88, MANNARINO ROAD, BIRKIRKARA**
or apply at
**3, NEW STREET, MSIDA**

**SAVOY GARAGE**

(Props. J. Pace & Sons)
*Private Buses, Cars and Volkswagens for Hire Service at Moderate Prices.*
**246-250, D'ARGENS ROAD GZIRA**
and
**SLIEMA ROAD, GZIRA**
(opposite Marshall Court)
**Phone: Sliema 31332**
DAY AND NIGHT SERVICE

